MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Numru 657/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**CLAIRE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Claire Borg ta' 26 sena, bint Paul u Linda Pearson, imwielda gewwa Londra nhar l-10 ta' Mejju, 1979, residenti gewwa l-fond numru 65/3, Triq it-Torri, Sliema, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 376997(M);

Akkuzata talli nhar il-15 ta' Gunju, 2005 ghall-habta ta' 22:40hrs, gewwa Ta' Xbiex, u l-Gzira, dolozament, minghajr il-hsieb li joqtol jew li tqieghed f'periklu car il-hajja ta' Karen Spagnol detentrici tal-karta tal-identita'

numru 250079 (M), tatha diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta, biex tikkagunalha feriti ta' natura gravi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipententi mill-volonta' taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hebbet ghall-persuna ta' Karen Spagnol, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 250079 (M) u kkagunatilha feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr M Rossi (Med No 2833), u dan *ai termini* tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha kif ukoll garret arma li taqta' u bil-ponta, barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kienet qieghda twettaq delitt, kellha fil-pussess taghha arma irregolari;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata fil-verbal tal-lum, wara li nghatat zmien rikjest mill-Ligi biex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
L-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Wara li rat li l-ewwel (1) akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dik l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qort qiegheda ssib lill-imsemmiia mputata Claire Borg hatja tat-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba’ (4) akkuza migjuba kontrieha u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Din l-istess Qorti tiddikkjara l-hames (5) akkuza preskritta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------